**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**-vs-**
**Paul Spiteri, iben John Spiteri u Maria Lucia nee' Mifsud, imwieled Pieta`, nhar l-10 ta' Jannar, 1974, li joqghod fil-fond 'Stardust', Triq Passiflora, Swieqi, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identita` numru 71474(M)**

**Kumpilazzjoni Nru. 930/13**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Paul Spiteri u ċioè talli:

> Nhar it-12 ta' Lulju, 2013, f'San Ġiljan, u f'dawn il-Gżejjer Maltin, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Luigi Dalli, persuna li għalqet is-sittin sena, skont ċertifikat maħruġ minn Dr. M. Caruana M.D mill-Isptar Mater Dei.
>
> Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Luigi Dalli bil-kundizjonijiet li jidrilha xierqa ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap.9, Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 t' April, 2014.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

[1] Fol.135

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Dan il-kaz jirrigwarda anzjan ta' 80 sena, li soffra griehi wara argument li nqala fil-bajja ta' Spinola, San Giljan nhar it-12 ta' Lulju, 2013.

L-imputat kien rrilaxxa stqarrija fl-1 t'Awissu, 2013. Il-verzjoni moghtija mill-imputat kienet li siehbu, Joseph Briffa, kien sab *parking space* u nizel mill-vettura tieghu sabiex izomm dak l-ispazju ghall-imputat. F'hin minnhom l-parte leza, Luigi Dalli, beda jimmanuvra l-vettura tieghu sabiex jidhol fl-ispazju fejn kien hemm Briffa ghax insista sabiex jipparkja hemm. L-imputat Spiteri dak il-hin kien bil-vettura warajh u beda jdoqq il-horn tieghu biex Dalli jwarrab u hu jidhol f'dak il-*parking space* meta persuna ohra avzatu li kienet ser iccaqlaq il-vettura taghha u li ghalhekk seta' jipparkja minfloka hdejn Tony's Bar. Fl-istqarrija jghid li wara ipparkja u beda miexi fid-direzzjoni fejn kien ipparkja l-vettura siehbu Briffa, lemah lil parte leza jersaq lejh biex jikkonfrontah. Kien ghalhekk li hareg mill-vettura u staqsieh x'kien gie jaghmel. Jghid li l-parte leza gholla idu biex itih daqqa ta' ponn u hu mar biex jilqaha billi gholla jdejh. Kien f'dan il-hin li l-parte leza waqa mal-art. Jichad li uza xi tip ta' forza u jghid li ghenu biex iqum. Jinsisti li kien il-parte leza li mar jikkonfrontahom fejn Joseph Borg baqa' ma harigx mill-karozza.

Luigi Dalli, xehed li fit-12 ta' Lulju, 2013, filghodu, nizel il-Bajja ta' Spinola biex jixtri l-hut. Kien waqaf hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ghax ma sabx *parking space* sakemm ra spazju vicin Tony's Bar. Hekk kif wasal biex jidhol fih ra wiehed li gholla jdejh u qallu biex jitlaq minn hemm. Jghid li *"…ghidtlu ma nipparkjax ghidtlu warrabli minn hemm ha nipparkja x'jigifieri ma nipparkjax, ghidtlu x'jigifieri ma nipparkjax warrabli ha nipparkja, u qalli le ghax hawnhekk gej siehbi u jgholli idejh u haqq haqq nsomma ghamel storbju shih biex ma nipparkjax, ghidtlu minix ha mmur ta ghidtlu jekk mintix ha twarrab ha mmur ghal pulizja…..bqajt hemmhekk jiena, u fl-intervall <u>qalat xi karozza l'fuq iktar minn Tony's Bar,</u> ma dik in-naha stess. U dak li kien qieghed jimblukkani biex ma nidholx warrab, u jiena qbadt u ipparkjajt il-karozza."*[2]

Ikompli jixhed li wara li pparkja vicin l-*encroachment* tas-cement li ghandu Tony's Bar, nizel biex imur jixtri l-hut, izda kif nizel mill-karozza u ghamel pass *"gie [l-imputat] minn faccata, tani daqqa b'minkbu hekk mill-faccata minn hdejn Tony's Bar, minn fuq is-cement ta' Tony's Bar, minn fuq l-encroachment ta' Tony's Bar…qabez il-karozza tieghi u gie ghal fuqi. Tani daqqa b'minkbu bi spaltu b'kollox hekk u dawwarni dawra tond. Jien*

[2] Fol.16

*ma kontx qed nistennih. U meta rkuprajt gejt fuq saqqaja....”*[3] Aktar il-quddiem ikompli jixhed li l-imputat f’mument iehor *“qabadni minn ghonqi hekk, zbilancani u tefghani mal-art,....”.*[4] Il-karozza ta’ Briffa *“Kienet [ipparkjata] iktar ‘l hemm kwazi hdejn Villa Ferris....ghal nofs it-triq kienet”*[5] Jerga jinsisti li l-imputat qabdu minn ghonqu, inbaram u waqa mal-art.[6]

Dalli jinnega li saq ghal fuq Briffa u laqtu fuq kupptejh fil-hin li kien qed izzomm il-parking lill-imputat. Fil-fatt anke Briffa jikkonferma li ma laqtux ezattament izda wara jghid kemm mess mieghu ghax baqa diehel fl-ispazju. Kien biss wara li *“Ford Transit ahmar, saq, kien hemm wahda harget minn fuq u dahal is-sinjur [l-imputat]”* li l-imputat ipparkja *“l-isfel mit-telgha tal-Knisja”.*[7] Jaqbel li bejn il-vettura tieghu u tal-imputat kien hemm madwar erbghin metru, *“Uzgur li kien hemm”.* Dalli jinsisti li hekk kif mexa *“forsi mxejt hames passi mill-vann [tieghi] l’hemm, u hu gie bil-girja, minn hemmhekk lejja....Ara waqqani ftit iktar l’hemm mill-iskarpan...Le le* ***jien lejn l-iskarpan mort*** *Sur Magistrat* ***ghax hu hemmhekk kien ipparkjat****”*[8]

Illi mistoqsi ghaliex kien mexa f’direzzjoni opposta tar-ramla jghid li hu gie intercettat mill-imputat li kien lahaq gie quddiem Tony’s Bar meta gie u tah id-daqqa ta’ minkeb. Ried jirrinfaccja lill-imputat sabiex jara ghaliex qala’ dik id-daqqa. Kien ghalhekk li mexxa lejn fejn issa kien riekeb l-imputat fil-karozza ta’ Briffa u cioe’ ftit l-isfel minn hdejn il-van tal-fjuri. Dalli jippreciza li l-ewwel qala daqqa ta’ minkeb hekk kif nizel minn hdejn Tony’s Bar u dawwru dawra tond. F’dan il-hin hu kien ghadu hdejn il-vettura tieghu u ghalhekk *“..mbaghad mort nimxi jien biex nara ghaliex ghamilli hekk...Mort lejh biex nara ghaliex ghamilli hekk. Meta rani sejjer l’hemm gie minn faccata tieghi mill-faccata minn hdejn Villa Ferris, qabadni minn ghonqi hekk, dawarni wahda hekk u waddabni ma l-art...”.*[9] Jinnega li qatt avvicina l-karozza tal-imputat li kienet thalliet ipparkegjata fil-bidu tat-telgha, ftit l-isfel minn fejn hemm l-iskarpan, iktar lejn fejn hemm il-Banif; fil-fatt Dalli avvicina il-karozza ta’ Briffa li fiha kien rikeb l-imputat. Minn hawn johrog bic-cjar li t-telgha li ssir riferenza ghaliha hi it-telgha li tiehdok lejn il-Knisja u lejn Ta’ Giorni, fuq is-Saddles Bar, filwaqt li Briffa kien ipparkjat fit-triq li twasslek ghal Regional Road u l-Mensija, l-isfel minn Villa Ferries**.** Dalli jammetti li kien mar hu lejn l-imputat biex isaqsih ghaliex kien tah daqqa ta’ minkeb hekk kif kien gie minn quddiem Tony’s Bar (minn fuq l-encroachment tas-cement ta’ Tony’s Bar) fejn peress li kien bejn karozzi, irnexxilu ma jaqax.[10] Dak il-hin l-imputat telaq jigri lejn il-vettura tieghu fejn kienet ipparkjata *“daqxejn l’hemm mill-barber shop”* u kif inghad l-isfel minn Villa Ferris vicin fejn jipparkja l-van tal-fjuri.[11] Hu mar lejh

---

[3] Fol.18
[4] Fol.19
[5] Ibid.
[6] Fol.20
[7] Fol.23. Jirrizulta li t-telgha hi dik li taghti ghal Ta’ Giorni kif iddur mas-Saddles vicin tal-Banif Bank
[8] Fol.24
[9] Fol.25
[10] Fol.28
[11] Fol.30

ghas-sodisfazzjon peress li ried ikun jaf ghaliex ghamillu hekk. Kienet f'din l-okkazzjoni li Spiteri qabdu minn ghonqu u spicca waqa mal-art.

Joseph Briffa jispjega fejn kienu ipparkjati t-tlett vetturi. Jghid li hu kellu jeep ghal-kiri u ghalhekk qal lill-imputat isuq warajh b' karozza ohra minn tieghu sabiex wara jhalli l-Jeep l-Meridien u jinzel lura mal-imputat. Hu kien qed isuq Jeep hamra. Iddecidew jieqfu ghal te` ghand Tony's Bar u pparkja il-Jeep qabel ma tibda r-rampa quddiem garage. Hekk kif ipparkja u mexa ghal Tony's Bar ra post vojt u fl-istess hin ra lill-parte leza gej biex jipparkja f'dan l-istess post. Jikkonferma dak li qal Dalli li ma tkellmux bl-gherra jew kien hemm xi aggressivita` u li Dalli ma wegghux izda ras mieghu *"messli saqajja"*[12] sabiex ikompli jidhol fil-parking space *"...ghidt ahjar nwarrab jew hekk ma jmurx jizloqlu l-clutch jew xi haga madoffi ragel xih.".*[13] Jghid li dak il-hin iccaqalqet karozza hdejn Saddles (in-naha l-ohra ta' Tony's Bar) u l-imputat mar ipparkja hemm. Mexa lejn Spiteri u qallu sabiex jitilqu l-hemm u ghalhekk rega' beda miexi lejn il-Jeep li kienet ipparkjata aktar lill-hemm minn fejn hemm l-Iskarpan u l-isfel minn fejn il-vann li jbiegh il-fjuri (fil-bidu tat-telgha li tiehdok ghal Regional Road). Hu dahal fis-seat tal-passigier u l-imputat fid-driving seat. Izzid li x'hin rikeb l-imputat fil-vettura sema lill-ragel jaghajjat *"iva ha tidhaq bija ukoll, u kien jinstema aggressiv"* , ittawwal u ra lill-parte leza mal-bieba. Dan ukoll jikkonferma dak li qal Dalli li hu mar ghas-sodisfazzjon ghax kien hassu umiljat bik id-daqqa ta' minkeb. Ikompli *"Paul hareg qabli iva kien in-naha tieghu, u* ***jien [li] kien ghalija kieku kien l-isteering f'idejja kont nistartja u nitlaq,*** *imma there was no time as well."*[14] Din id-dikjarazzjoni minghand Briffa tindika li fl-opinjoni tieghu li Spiteri seta' facilment jevita dak li sehh wara!

Briffa jghid li l-parte leza *"..gie u fajjarlu wahda hekk, dan Paul dawwar wahda hekk u dan ir-ragel minflok laqtu laqatlu ma daru, dar zugraga u waqa fl-art....X'hin Paul hareg mill-karozza, u dan sabu mieghu qallu x'ha taghmel, l-iehor fajjarilu mall-ewwel, ma laqtux imma ghadda zbrixx minn ma dahru, nimmagina jien li tilef fil-bilanc...sakemm dort mal-Jeep ghax dort minn wara biex nghin lil Paul or biex inferraqhom. Dan gie biex isawtu dan ir-ragel...".*[15] Briffa jzid *"minn erbghin metru bil-giri u qed nisimghu bl-aggressjoni sejjer iva ha tidhak bija minfuq! Dana gej illi jidher li gej ghal glied jew biex isawtu....Iva s-Sur Spiteri...l-ewwel qallu x'gej l-iehor tella idu u tahielu mhux upper cut, tahielu lagenba hekk..."* Jsostni li ma ra lil Spiteri jaghmel xejn. Sakemm wasal sal Jeep jghid *"jiena nista niehu gurament illi danna konna flimkien warajja nzommlu idu kien jonqos. Ghax dhalna flimkien split second fil-karozza."*[16] Jeskludi li l-imputat ta daqqa ta' minkeb lil Dalli. Fil-fehma ta' Briffa, Dalli kien sema' lill-imputat jidhaq fil-Jeep li kienet miftuha u kien ghalhekk li rrabja ghall-imputat li *"kien jidher gej bil-girja."* minn xi sitt metri l-boghod.[17] **Ghall-darba ohra Briffa jeskludi li Spiteri laqat lil Dalli, anzi li**

[12] Fol.38
[13] Fol.37
[14] Fol.40
[15] Ibid
[16] Fol.47
[17] Fol.50

**kien Dalli li laqat lill-imputat f'daru wara li dan ghamel manuvra evaziva. Jinsisti li ra lil Dalli jipprova jaghti bil-ponn lill Spiteri.**[18]

PS1456 Jonathan Cassar jghid li Dalli instab vicin fejn il-vettura li kien riekeb fiha l-imputat (fil-Jeep) li kienet parkeggata vicin hafna tat-truck tal-fjuri ftit qabel it-telgha taht il-Villa. Jidher li Dalli mill-ewwel informa lill-Pulizija li wasslu fuq il-post li l-imputat kien hebb ghalih billi tah daqqa ta' spalla. Meta kien saqsieh ghaliex tah daqqa ta' spalla qallu li l-imputat kien qabbdu minn ghonqu u tefghu mal-art. Jixhed li l-imputat kien qallu li kien Dalli li mar biex ihebb ghalih u pprova jaqbdu mill-flokk, resaqlu u waqa mal-art.[19] Importanti hu l-fatt li Dalli baqa' jaghti l-istess verzjoni, l-imputat semma' li Dalli kien qabdu mill-flokk. Gimaghtejn wara izda l-imputat ma jsemmi xejn dwar il-flokk fl-istqarrija li rrilaxxa mal-Ispettur Daryl Borg u lanqas fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Jghid biss li l-parte leza ha salt fil-vojt bil-konsegwenza li tilef il-bilanc; verzjoni li l-Qorti ghandha diffikulta` temmen.

L-imputat ghazel li jixhed. Jghid li wara li sab parking ezatt hdejn Tony's Bar, mexa lejn il-Jeep ta' Briffa u mill-meta ra lil Dalli gej lejh kwazi kien lahaq wasal sal-bieba tieghu. Hareg u saqsieh x'kien ser jaghmel u fid-daqqa u l-hin jarrah ser jaghti daqqa. Hu gholla idu, resaq lura u Dalli spicca mal-art. Ma jichadx illi xi kliem intqal lil Dalli qabel ma mar lura lejn il-vettura ta' Briffa fis-sens li urieh li l-affarijiet ma jsirux hekk: *"Ghidtlu mhux hekk jien x'affarijiet dawn, xi tridni naghmillu?"*[20]. Dan jikkontrasta ma dak li qal Briffa li hu kien hdejn Spiteri u ma sema u ma ra xejn. Spiteri jinsisti li hu qatt ma hareg mill-vettura biex jattakah *"..hrigt biex nara x'gara fis-siegha u l-hin lanqas ilhaqt ghidtlu ha nkellmu xejjer daqqa u gie hadha round fil-vojt u waqa' ma' l-art u mort biex nghinnu anzi."*[21] Minn naha tieghu l-imputat jghid li Briffa kien rrabjat ghalkemm din hi l-ewwel darba li jissemma' dan ghaliex Briffa ma jsemmi xejn. Dan ifakkar lill-Qorti x'qal Luigi Dalli meta a fol 16 jghid li Briffa beda "*jgholli idejh u haqq haqq…"*

Din il-Qorti ssibha difficli tifhem ghal liema raguni l-parte leza kellha ghalfejn terga' terga tavvicina lill-imputat li kien certu distanza l-boghod u dan wara li hi kien irnexxilha timpedixxi lill-imputat milli jiehu l-*parking space* li kien qed jipponta ghalih, jekk mhux ghax safa urtat dwar xi haga li grat wara li dan kien ipparkja. Kif qal Briffa, Dalli ma kienx aggressiv xejn u kien l-imputat li beda jdoqq il-horn sabiex jidhol minnfloku.

Illi r-rakkont ta' Dalli baqa wiehed konsistenti hekk kif jixhed il Current Incident Report a fol. 60-63 sa meta xehed quddiem din il-Qorti. Dalli kien ipparkja hdejn Tony's Bar u wara l-imputat li kien ukoll sab parking ftit lill hin minn Tony's Bar, aktar qrib is-Saddles u l-bajja, avvicinah wara li qasam minn fuq l-*encroachment* ta' Tony's Bar u tah daqqa bl-ispalla u l-minkeb. Kien dan l-agir li wassal sabiex saret l-aggressjoni aktar l-isfel vicin il-Jeep ta' Briffa. Ma hemmx raguni ohra ghaliex bniedem

[18] Fol.41
[19] Fol. 53 et seq
[20] Fol.144
[21] Fol.158

li ghadu kemm irnexxilu fit-tir tieghu (jiehu l-parking space li ried), li ma kienx aggressiv, f'salt wiehed jidher jigri lejn karozza wieqfa u jitlob sodisfazzjoni b'certu aggressivita` filwaqt li jhossu urtat li minfuq anke gie middiehek.

Irid jigi precizat li dwar l-ewwel daqqa li Dalli jsostni li garrab, Briffa kien miexi l-quddiem, u ghalkemm jipprova jaghti l-impressjoni li hu kien kwazi miexi pass pass mal-imputat, jghid ukoll li hu mexa qablu b'pass mghaggel. Dalli fil-fatt ma jsemmix li l-imputat kien akkumpanjat minn siehbu meta gara dan ghax jghid li *"gie"* minn faccata, minn fuq ic-cementa fejn hemm l-encroachment ta' Tony's Bar. Briffa ma jissemmiex izjed wara li Dalli ipparkja. Dan jaghmel sens in vista ta' dak li xehed l-imputat li hu kien ipparkja ezatt mat-Tony's Bar, fl-ewwel *parking space.*[22] L-istess jinghad dwar dak li sehh ma genb il-Jeep qrib it-telgha tal-Villa. Briffa jghid li hareg u dar minn wara tal-Jeep; **dan ifisser li hu ma kellhux lill-imputat dejjem *in his line of vision* u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li effetivament l-imputat aggredixxa lill-parte leza, meta kif qal Briffa stess kollox gara fi ftit sekondi!** Il-kliem tal-istess Briffa li hareg biex ifferraq ma jistghux ma jinghatawx l-importanza dovuta. Kien hemm xi raguni ghaliex l-imputat kellhu joqghod johrog mill-vettura biex jara x'ried Dalli u johodha ma ragel ta' tmenin sena? Jekk ried ikun jaf xi haga minnu seta' facilment saqsieh ghax Dalli kien mal-bieba tieghu u dan minghajr ma jixref barra mill-vettura li fuq kollox kienet **miftuha!! Certament is-sitwazzjoni aggravat hekk kif Spiteri hareg mill-vettura biex jikkonfronta l-vittma.**
Il-fatt li l-Qorti kellha quddiemha konflitt fil-provi, ma jfissirx necessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat.

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appel Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [19.5.1997] :-

*"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may , . after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*[23]

Illi wara li ezaminat l-atti processwali din il-Qorti sejra taghti aktar affidabilita' lix-xhieda ta' Luigi Dalli. Infatti hawnhekk isib rilevanza principju iehor li huwa ben stabbilit u li jrid jiggwida lil din il-Qorti li jirreferi ghall-fatt li xhud wiehed jekk emnut huwa sufficjenti biex tinstab htija minghajr il-bzonn ta' korroborazzjoni. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet diversi drabi li '*Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija*[24]

Il-Qorti ma jifdalla ebda dubbju li fl-ewwel lok l-imputat kien aggredixxa lill-Dalli meta bl-ispalla u l-minkeb kien ghamel kuntatt mieghu, liema kuntatt ma jidhirx kien xi wiehed legger tenut kont li fi kliem l-imputat innifsu tintwera certu arja meta jghid

[22] Fol.141
[23] **Pulizija vs Omissis**, Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

[24] Ara per ezempju **Pulizija vs Antoine Cutajar** deciza 16/03/2001.

*"Ghidtlu mhux hekk jien x'affarijiet dawn, xi tridni naghmillu?"*[25]. Jinghad pero` li ma kienx f'dak l-istadju li Dalli garrab il-griehi li soffra izda kien <u>fit-tieni istanza meta gew hdejn fejn kienet ipparkjata l-Jeep</u>. Anke hawn il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex il-verzjoni ta' Dalli ma ghandhiex titwemmen. Kif intqal qabel, difficli jigi emmnut l-imputat meta jghid li Dalli ta salt biex tih daqqa ta' ponn, ma laqtux u b'hekk spicca jaqa' mal-art. Din hi storja li fl-opinjoni tal-Qorti ma ghandhiex mis-sewwa. Dalli ma kienx xi bniedem frail li jiehu skoss fil-vojt u jaqa' habta u sabta u dan tenut kont li Briffa jikkonferma li *"kien jidher gej bil-girja."* minn xi <u>sitt metri</u> l-boghod.[26]

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deciza fit-30 ta' Marzu, 1998, gie deciz:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: **"*To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.*"**

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo ikompli jghid hekk: "<u>In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu</u>."[27] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li l-atteggament xejn civili ta' Spiteri, certament ma kienx intenzjonat jikkawza offizi tant gravi fuq Dalli izda fuq skorta tal-gurispridenza appena enuncjata, il-Qorti ma tistax ghajr issib lill-imputat hati tal-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-fedina penali netta ta' l-imputat kif ukoll tal-eta` avvanzata tal-vittma.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(d)(2) u 222A(1) u tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn millum.

---

[25] Fol.144

[26] Fol.50

[27] Pagna 225. Ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Noel Degiorgio, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; The Police vs Chinonso Jude Okeakpu 2.10.2013 u Il-Pulizija vs Stephen Ciangura, 26.09.2012, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.

Inoltre` wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€ 2000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Luigi Dalli.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involuti.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**